# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**


Minuti tal-laqgħa numru disgħa u għoxrin (29) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-23 ta’ Ġunju 2009 fis-6:30pm fl-Uffiċċju Muniċipali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Paul Spiteri | Kunsillier |

1. Is-Sindku, **Noel Galea ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Is-segretarju eżekuttiv qara l-**minuti** tas-seduta preċedenti u dawn kienu kkoreġġuti, approvati u ffirmati.

**Punti mill-Minuti:**

3. Is-Sindku qal li l-kap tal-**gwardjani lokali**, Joe Borg ma ġiex fil-ħin nhar il-festa, jiġifieri qabel ma ngħalqu t-toroq fl-20 ta’ Ġunju 2009. Madankollu huwa bagħat ir-rappreżentant tiegħu biex imexxi hu, u l-istess Borg ġie aktar tard.

4. Il-kummenti tas-sindku fir-rigward tal-gwardjani lokali nhar il-festa f’dak li jirrigwardja **mmaniġjar tat-traffiku** kienu pożittivi, għaliex huwa ddeskriva kif wara l-ewwel nofs siegħa ir-rittmu ta’ vetturi deħlin lejn il-villaġġ tagħna, kien tajjeb ħafna.

5. Minkejja t-telefonati li saru personalment mis-segretarju eżekuttiv lis-sidien tal-kabbani biex ma jħallux **vetturi pparkjati fis-*service road* fi Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija,** kif kien deċiż fil-laqgħa mal-Ispettur Cordina ftit ġranet qabel, ingħad li xorta kien hemm min webbes rasu u pparkja. Minkejja li mhux faċli li tħott l-affarijiet kollha fil-kabbana minn vann ieħor li kien qed jintuża għall-ħażna, toroq ‘il bogħod, is-sindku qal li huwa sab ta’ min kienu dawn il-vetturi u nsista li dawn kellhom ineħħuhom minn hemm, biex l-istess *service road* tibqa’ vojta għal kull eventwalità.

6. Is-sindku qal li l-proposta tiegħu bis-sistema ta’ **dħul fir-raħal permezz tal-karta tal-identità**, ħadmet perfettament. Din naqqset ix-xogħol amministrattiv li qabel kien isir billi l-uffiċċju kien joqgħod jipproċessa ‘*pass’* apposta għar-residenti. Minkejja dan fil-passat inħarġu wkoll *passes* lill-mistiedna tar-residenti tagħna, xi ħaġa li tmur kontra l-istess kunċett tal-*pass* li jaġevola lir-resident.

7. Is-sindku qal li hu ħareġ speċi ta’ ***ID Card* għal rappreżentanti tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju (SMMTĠ)** biex anke dawn iservu ta’ *ushers* fir-raħal u fl-istess ħin jgħinu lill-gwardjani lokali mingħajr ma jindaħlu fix-xogħol tal-infurzar tal-liġi. Peress li dak in-nhar tal-festa, s-sindku kellu tieġ, ma setgħax imur mar-rappreżentanti tal-każin jitkellmu mas-sidien tal-kabbani kif issa hija l-prassi.

8. Nhar il-festa, is-sindku qal li kellu jtella’ n-numru tal-**gwardjani lokali** minn ħamsa għal sitta. Is-Sibt kellna tmienja u l-attendenza tal-viżitaturi kienet ferm ikbar. Iżda huwa qal li nhar il-festa sab ħafna barikati nieqsa fi Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija għaliex dawn xi ħadd

tellagħhom fil-Pjazza u ħallihom hemm, probabbilment għall-użu tal-marċ ta' nofs-in-nhar. Meta huwa staqsa lis-segretarju tal-każin jekk jistax iniżżilhom f'posthom fejn kienu il-lejl ta' qabel, dan sfortunatament ma sab lil ħadd jipprovdi trasport. Tant illi l-istess gwardjani lokali kellhom jagħlqu parti minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija billi jipparkjaw il-vetturi tagħhom hemm. Noel Galea qal li anke ċemplulu xufiera tal-linja, u kellu joqgħod ineħħi /jkaxkar il-barikati hu stess.

9. Dwar **il-kabbana tas-SMMTĠ,** is-sindku qal li ċempillu l-president biex il-permess ta' posta 5 ma jingħata lil ħadd meta dan kien assenjat lill-każin, u fl-istess ħin tinqala' kabbana oħra minn posta u minflokha tintrema dik tas-SMMTĠ. Peress li dan ma setax isir għax trid tkun antiċipajtu minn ħafna qabel biex is-sid ikun avżat minn bikri, il-kunsill kellu jikkonċedi li issa anke fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju, jintramaw kabbani fuq in-naħa l-oħra ta' Triq il-Konvoj, jiġifieri mal-ħajt tal-għalqa. Fosthom l-istess kabbana tas-SMMTĠ.

10. Dwar l-ilment mill-***ELC*** **għax għaffġulna x-xtieli** li kienu mħawwla fis-*central strip* ta' Triq Karmenu Ciantar, is-sindku qal li l-voluntieri li taw daqqa t'id fl-armar tal-logħob tan-nar tal-art, użaw is-*central strip* bħal bank ta' għodda. Tant li tħallew diversi oġġetti meqjusa bħala skart ġo fiha, u seħħet il-ħsara fuq ix-xtieli. Intant l-*ELC* ġiet tieħu r-ritratti tal-ħsarat.

11. Dwar il-*Melita plc* biex finalment **issir it-trinka fil-Pjazza tal-Knisja**, is-sindku qal li dawn għamlu kuntatt miegħu, il-ġimgħa l-oħra. Sadanittant il-KLM kien infurmat li l-ħaddiema tal-gvern se jibdew il-bankina tal-Pjazza. Meta huwa tkellem ma' Tonio Facciol, rappreżentant tas-SMMTĠ peress li dawn għandhom il-każin biswit dak tal-PN, is-sindku sar jaf li ma tpoġġewx pajpijiet biżżejjed fil-bankina li għadha kemm tpoġġiet quddiem il-każin tas-SMMTĠ, u għalhekk issa hemm bżonn trinka addizzjonali taħt il-bankina. Dwar kemm idum il-permess tat-tħaffir, is-segretarju eżekuttiv ġab *sample* voluminuż ta' permess li għamel kuntrattur magħruf fir-raħal f'lokalità oħra u qal li dan idum xhur.

12. Issa ħriġna is-**sejħa għal-librar/a** u erġajna ltqajna mal-Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu ħmistax ilu. Hawn intqal li mhux bilfors se nsibu lil xi ħadd li jiftaħ filgħodu wkoll, bil-kwalifiċi mitluba fl-istess sejħa, minkejja li qed nagħmlu minn kollox biex isir dan. Ms Sciortino minn naħa l-oħra enfasizzat li l-librerija għandha tibqa' tintuża mill-iskola kif fil-fatt qed jiġri, basta ma jiġux mislufa kotba fl-assenza tal-librar /a.

**Comment [AB1]:** Closing date: will it be in tandem with next meeting?

13. Ma kien hemm l-ebda żvilupp dwar il-***guardianship deed*** propost mas-Sovratendenza Patrimonju Kulturali biex il-KLM jkun jista' jimmaniġja l-katakombi tal-Mentna.

**Reġgħew issemmew:**

14. L-applikazzjoni jew in-nuqqas tagħha, tal-Barriera tal-Mitħna fi żmien il-ħames leġiżlatura;

15. Il-każ tal-manutenzjoni tal-isqaq tan-nar mill-Kunsill Lokali Siġġiewi;

16. Is-segretarju eżekuttiv qal li bgħatna l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2009-10;

17. Il-ħarġa tal-fuljett li tqassmet eżattament qabel il-festa tal-Madonna tal-Ġilju u l-ħtieġa li niġbru l-materjal minn issa għaliex għall-ħarġa li jmiss qabel il-festa ta' Santa Marija, il-*printer* se jkollu ħafna programmi tal-festa xi jlaħħaq magħhom. Kien diskuss ukoll jekk għandniex innaqqsu pubblikazzjoni minnhom biex inraħħsu l-vot tal-Informazzjoni lill-Pubbliku u/jew insibu *sponsors*. Kien innotat ukoll li l-paġna tan-nofs tal-aħħar ħarġa kienet bil-kulur mingħajr ħadd ma ordnaha hekk;

18. Il-bibita li saret lill-bandisti fil-jum tal-festa bħala rikonoxximent tas-servizz tagħhom mal-banda tas-SMMTĠ;

19. It-tagħrif li l-KLM għandu jibgħat lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq biex tissemma triq li għandha tfakkar lill-Ġużepp Galea, ners;

20. Il-ħtieġa li l-KLM jinnomina persuni għall-Parlament taż-Żgħażagħ;

21. Il-bżonn li l-KLM jiltaqa' mar-residenti ta' Triq San Bażilju biex il-parti ta' wara l-Knisja ssir *one-way* kif ukoll approvata mill-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta;

22. Is-sinjali tat-toroq f'diversi postijiet ċentrali li fil-festa kellu jmur jgħattihom is-sindku nnifsu biex it-traffiku jaħdem anke meta fir-raħal kien hawn diversi toroq magħluqin;

23. L-istqarrija pubblika li ħareġ il-KLM jikkundanna l-atti vandali fuq *bus shelters* li seħħew fil-jiem tal-festa;

24. Il-parteċipazzjoni tal-KLM f'dak li jirrigwardja l-festa speċjalment għall-programmi ta' fuq il-planċier u r-rikonoxximent li ta lill-Teddy Farrugia ex-kunsillier u president tas-SMMTĠ;

25. Il-ktajjen u l-barikati li qed jagħlqu t-toroq fil-festa li din is-sena reġa' nefaq il-materjal f'katnazzi għalihom il-KLM.

26. Il-**manutenzjoni fi Triq Valletta, Żurrieq** li saret il-ġimgħa l-oħra issemmiet f'dan il-kunsill, kif ukoll issemmiet il-**manutenzjoni li saret mill-ħaddiema tagħna** wara li nstab kuntrattur mill-viċi sindku li pprovda l-makkinarju mingħajr ħlas. Is-sindku qal li għandna nibgħatulu ittra ta' ringrazzjament. Intant Charles Farrugia qal li l-kuntrattur li wettaq il-manutenzjoni fi Triq Ħal Kirkop, Xriek, Santa Marija, Saljatura, Żurrieq u Ċavi, uża gaffa u ġab 14–il tunnellata ta' qatran.

Comment [AB2]: Ittra ta' ringrazzjament

27. Nicholas Briffa qal li għandna naraw il-**kontijiet tal-kuntrattur C & S Services** li wettaq il-manutenzjoni x-xitwa li għaddiet, ħalli naċċertaw irwieħna li ma konniex ingannati minħabba l-ammonti eċċessivi li għadhom qed jitħallsu biċċa biċċa.

Comment [AB3]: To check rates of bills with contract

28. Dwar l-attività l-**Imqabba mal-Medda taż-Żmien**, is-segretarju eżekuttiv qal li din il-persuna li ssemmiet ukoll fil-laqgħa preċedenti, is-Sur Noel Castillo għandu jagħtina minn issa s-suġġerimenti bil-miktub ħalli nibdew naħdmu fuq il-ħruġ ta' *tenders* għall-kiri ta' vestwarju, palk, *sound*, dwal eċċ. Dan sabiex ma ninqabdux biż-żmien fl-aħħar mumenti.

29. Is-**sindku qal li se jaħdem manwal /linji gwida**, biex ikun aċċertat li fil-ġranet tal-festa ma jkun tħalla xejn barra minn dak kollu li issa l-KLM huwa responsabbli minnu. Dwar ir-rotta tat-trasport pubbliku 350, rappreżentanza tal-*Public Transport Association* ġew tkellmu mas-segretarju eżekuttiv u saru xi tabelli fuq karti miksija bil-plastik, ħalli l-pubbliku ma jibqax jistenna fiċ-ċentru tar-raħal, u fil-fatt fil-festa dawn ma jkunux qed jgħaddu mir-raħal. Intant minn naħa tagħna rridu naċċertaw li t-trasport pubbliku lejlet u nhar kull festa filgħaxija, ssirlu ***bus terminus* temporanja** fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti.

30. Se jkun mgħoddi l-ilment lill-awtoritajiet tas-saħħa li t-*toilets* tal-**Berġa** għandhom jitnaddfu aktar spiss. Issemma wkoll il-bżonn li jsir *lock* mal-bieb minn ġewwa. Hawn is-sindku qal li għandna wkoll ngħaddu ilment biex it-tindif minflok isir fl-10:00pm fid-dawl artifiċċjali bati li hemm, jibda jsir filgħodu għaliex dak il-ħin ikun impossibbli li jidher il-ħmieġ /trab.

Comment [AB4]: To send complaint

Comment [AB5]: To forward our suggestion

31. Nicholas Briffa wera t-tħassib tiegħu għall-likwidità tal-KLM biex isostni l-proġetti li kienu approvati s'issa u hemm il-possibilità li jkunu approvati fil-futur. Dan peress li mill-Unjoni Ewropeja żgur li jkun irid diġà ġie mħallas kollox, biex wieħed japplika għal rifużjoni. Nicholas Briffa qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għandna nuruh x'hinuma l-proġetti ħalli l-finanzjament ikun anke rifless fl-allokazzjoni. Noel Galea qal li dwar ***issue* tal-*VAT***, diġà qed

isir xogħol biex fil-futur il-kunsilli jkomplu japplikaw għal dawn il-proġetti, peress li għaliha ma tingħatax rifużjoni.

32. Is-sindku informa lill-kunsillieri li fil-***Local Action Group*** GAL Xlokk il-kunsilli żdiedu għal tnax bl-affiljar magħna tal-Kunsilli Lokali ta' Ħal Qormi u l-Qrendi. Is-sindku qal li dawn l-*LAGs* kienu rikonoxxuti mill-gvern flimkien ma' dak tal-Majjistral u dak t'Għawdex. Is-sindku qal li l-gruppi se jingħataw €90,000 kull grupp biex jagħmlu strateġija f'sitt xhur. Ħarġu tliet *tenders* biex jagħmlu l-oqsma kollha ta' servizz flimkien mal-*NGOs*: kollaborazzjoni u konsultazzjoni, *drafting* ta' pjan ta' kollaborazzjoni, u l-ippjanar u d-diżinn, li se jagħlqu fil-bidu ta' Lulju. Is-sindku qal li huwa antiċipat illi aktar 'il quddiem se jkun hemm oħrajn dwar taħriġ tal-*personell*. Bħal issa qed jaħdmu fuq konferenza li għaliha grupp se jitla' r-Repubblika Ċeka f'Awissu, u grupp ieħor fil-Pulja l-Italja f'Ottubru.

33. Il-KLM iddeċieda li joħroġ l-**offerta tal-kisi tat-toroq**. Il-ħsieb huwa li din toħroġ fuq bażi ta' ***period contract***. Din id-deċiżjoni ittieħdet fid-dawl li l-offerta antika ta' *Asfaltar Ltd* mal-kunsilli lokali tal-Qrendi u Ħal Kirkop, issa għalqet. Nicholas Briffa qal li jekk il-kunsill jikkonċedulu li jissellef biex jagħmel il-kisi tat-toroq, irridu nżommu quddiem għajnejna li ċ-*charges* tal-bank m'humiex *refundable* u jiġu jammontaw id-doppju li nkunu ssellifna. Hawn is-sindku qal li l-interessi jiżdiedu skond iż-żmien tar-*repayment.*

34. Il-KLM qabel li jiffirma l-**Patt tas-Sindki,** minkejja li jifhem illi dan mhux kemm naqbdu u niffirmawh, għaliex hemm ċertu responsabbiltajiet. Il-kunsill jaqbel ma' *energy action plans/evaluation, energy days, city open days,* iżda *committments* bħal dawn fihom l-element finanzjarju tagħhom. Is-sindku qal li fir-raħal tagħna għandna diffikultajiet kbar minn trakkijiet, impjanti tal-produzzjoni tat-tarmak, emissjonijiet ta' ajruplani mill-ajruport eċċ li naqblu li jsir xi ħaġa dwarhom iżda hemm affarijiet fl-industrija li m'għandniex kontroll fuqha aħna bħala kunsill.

**Comment [AB6]:** Nistghu napplikaw on-line????

35. Minkejja li m'hix fir-responsabbiltà tal-kunsill issemma **l-irtirar tal-kanni tal-logħob tan-nar** tal-ajru mill-Pulizija fil-Festa tal-Madonna tal-Ġilju u l-paniku li kien hawn fir-raħal fejn daħlu medjaturi s-sindu u l-viċi sindku b'laqgħat li seħħew għand is-supritendent temporanju. Dan biex tiġi nfurzata l-liġi li tipprovdi għad-distanza mill-abitat.

36. Kienet approvata l-***payment approval sheet* numru 238.**

37. Is-sindku fakkar li għada filgħodu l-KLM se jagħmel **żjara ta' kortesija lill-ET il-President ta' Malta** u se nirregalawlu t-tliet pubblikazzjonijiet tagħna u s-*CD* u nestendulu l-invit biex jiġi fostna f'Ottubru, 2009 għall-okkażjoni ta' Jum l-Imqabba.

38. Il-laqgħa ntemmet fid-8:45pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*07 /07 /2009 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |